MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2005

Numru 1/2005

**App Nru 1/05**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Bezzina**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Bezzina talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u r-regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fil-11 ta' Gunju 2003 fil-hanut *Bezzina Confectionery* – Triq Main Gate, Victoria, Ghawdex, naqas li jzomm kopji ta' l-ircevuti mahruga skond l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u dan bi ksur tal-partita 1(g) tat-Tnax-il Skeda li tinsab ma' l-istess Att u l-Artikolu 76(b) ta' l-Att XXIII ta' l-1998;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-7 ta’ Dicembru 2004[1] li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph Bezzina hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu multa ta’ mija w hamsa w ghoxrin lira (Lm125);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Joseph Bezzina, minnu prezentat fl-22 ta’ Dicembru 2004, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-22 ta’ April 2005 u, minhabba problema fir-registrazzjoni tax-xiehda, anke fl-udjenza tad-19 ta’ Awissu 2005; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu tlett aggravji. L-ewwel aggravju, dwar in-nullita` tal-proceduri quddiem l-ewwel qorti kif ukoll in-nullita` tas-sentenza appellata minhabba zball fid-data ta’ l-istess sentenza (ara nota *in calce* numru 1), gie irtirat fl-udjenza tat-22 ta’ April 2005 aktar ‘l fuq imsemmija. It-tieni u t-tielet aggravji huma, bazikament, fis-sens li l-ewwel qorti ma setghetx issib lill-appellant, allura imputat, hati kif effettivament sabitu ghax ma kien hemm ebda negligenza da parti ta’ l-impjegata tieghu, Maryanne Mercieca, meta din ma indunatx li r-romblu kien wehel fil-*cash register* u ghalhekk ma kienx qed jirregistra fuq il-*journal*. Ir-raba’ aggravju huwa dwar il-piena – l-appellant jikkontendi li f’dan il-kaz jekk kellu jinstab hati kellha tinghata l-piena fil-minimu taghha.

Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha, ma tirriskontra xejn censurabbli fis-sentenza ta’ l-ewwel qorti. Jirrizulta mill-provi li r-romblu tal-*journal* kien ilu mwahhal hamest ijiem, u li f’dawn il-hamest ijiem la l-appellant u lanqas l-impjegata tieghu li kienet l-aktar li topera l-*cash register* ma hadet l-izbriga li imqar darba tivverifika, billi semplicement terfa’ l-ghatu tal-magna, biex tara jekk dan kienx qed jirregistra sew kif suppost u skond il-ligi.

[1] Il-kopja ezibita fl-atti iggib id-data zbaljata tat-2 ta’ Dicembru 2004.

Ghalhekk it-tezi ta’ l-appellant li ma kien hemm ebda negligenza da parti tieghu jew ta’ Mercieca mhix fondata.

Kwantu ghall-piena, din hi kwazi fil-minimu taghha, u ghalhekk ma hemmx lok li din il-Qorti tintervjeni – ma jista’ b’ebda mod jinghad li l-piena hi manifestament sproporzjonata ghall-dak li sehh.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------